# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' April, 2024.**

**Numru 7**

**Rikors numru 1116/2016/1 LM**

**Richard Attard u Newco Steel Ltd (C 11310)**
**għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Mark Anthony Barbara, u b'digriet tas-26 ta' Novembru, 2018 l-isem ġie korrett għal Anthony Mark Barbara u Josette Barbara Cardona**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi Richard Attard u Newco Steel Limited minn deċiżjoni finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-20 ta' Jannar, 2020, li permezz tagħha ġew miċħuda t-talbiet tagħhom li huma għandhom jieħdu mingħand il-konvenuti s-somma ta'

€23,244.74 bħala bilanċ minn trasferiment ta' proprjetà.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-9 ta' Diċembru, 2016, l-atturi fissru li l-attur Richard Attard ittrasferixxa ġid immobbli lill-konvenuti, bil-patt li l-ħlas isir perjodikament u ratealment skont kif miftiehem bejniethom. Isostnu li l-konvenuti fadlilhom iħallsu bilanċ ta' €23,244.74 u jgħidu li għad li l-konvenuti stqarru li huma midjuna f'din is-somma u minkejja li huma ġew mitluba jħallsu din is-somma, b'danakollu l-konvenuti baqgħu ma ħallsuhiex. Billi l-atturi jemmnu li l-kreditu tagħhom huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tagħhom il-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet xi jressqu kontra din it-talba għall-ħlas, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' €23,244.74 (tlieta u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u erbgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu) liema ammont jirrappreżenta bilanċ kumplessiv attwalment dovut lir-rikorrenti, fuq trasferiment ta' proprjetà;*
>
> *3. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu s-somma ta' €23,244.74 (tlieta u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u erbgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu) lir-rikorrenti.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat /2016, ippreżentat kontestwalment, u bl-interessi legali relattivi, kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

3. Il-konvenuti ppreżentaw nota skont l-**Artikolu 170(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jattakkaw il-proċedura

sommarja li biha l-atturi riedu li tinqata' din il-kawża.

4. B'digriet mogħti fl-20 ta' April, 2017, l-Ewwel Qorti qieset li l-konvenuti kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu u għalhekk tathom il-jedd li jressqu risposta maħlufa.

5. Il-konvenuti daħħlu din ir-risposta maħlufa fl-10 ta' Mejju, 2017 u fiha huma ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *2. Illi preliminarjament, l-esponenti jiddikjaraw li mhu minnu xejn li l-attur għandu jieħu xi flejjes mingħandhom, u l-ammont kollu li xi darba kien dovut, huwa mħallas kollu fl-intier tiegħu. Dan fil-fatt jidher ċar mill-kuntratti pubbliċi li l-attur naqas milli jippreżenta ma' kawża li jrid li tkun deċiża bil-proċedura sommarja;*
>
> *3. Illi l-kuntratti msemmija sar qabel ma sar iż-żwieġ bejn il-konvenuti hawn esponenti u għalhekk, id-dejn li huwa msemmi mill-attur mhuwiex dejn tal-komunjoni tal-akkwisti;*
>
> *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*
>
> *Bl-ispejjeż.»*

6. B'sentenza finali mogħtija fl-20 ta' Jannar, 2020, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u mxiet billi ċaħdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

> *«Il-kwistjoni ewlenija li trid tiġi determinata f'dawn il-proċeduri hija jekk is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u erbgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€23,244.74) pretiża mill-attur hijiex dovuta lilu jew lis-soċjetà rappreżentata minnu, jew le. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet meta l-konvenut informa lill-attur li kien interessat jakkwista proprjetà. L-attur, li hu negozjant tal-ħadid tal-bini, spiss kien ikollu proprjetajiet f'idejh bi tpartit bħala ħlas għax-xogħol ipprovdut minnu, u kien għalhekk li l-konvenut kien avviċinah u staqsieh jekk*

*kellux xi proprjetà li tgħodd għalih. Oriġinarjament il-partijiet kienu ftiehmu dwar proprjetà fiż-Żejtun, li l-attur kien qal lill-konvenut li kienet tiswa madwar sitta u erbgħin elf ewro (€46,000), u meta l-partijiet resqu għall-iffirmar tal-konvenju dwar din il-proprjetà, il-konvenut irrealizza li kien ser jakkwista l-proprjetà mingħand terzi u mhux mingħand l-attur direttament. Minkejja dan, hu beda jħallas ammonti rateali lill-attur, u saħansitra beda jagħmel xi xogħol f'din il-proprjetà bil-ħsieb li jlestiha. Wara xi xhur, il-konvenut kien sema' xi storbju fil-blokka, u sar jaf mingħand il-ġirien li kien hemm problemi biex jiġu ffirmati l-kuntratti tal-bejgħ tal-proprjetajiet fil-blokka, għax il-proprjetà kollha kienet maqbuda mill-bank. Kemm il-konvenut, kif ukoll ommu, li xehdet f'dawn il-proċeduri, qalu li l-attur kien infurmahom li kien ser jitranġa kollox fi ftit żmien, u ma kellhomx għalfejn jinkwetaw. L-attur saħansitra ħeġġeġ lill-konvenut ikompli bix-xogħol li kien beda f'din il-proprjetà. Minkejja dawn il-wegħdi, il-konvenut sar jaf wara xi żmien li l-proprjetà taż-Żejtun kienet inqabdet mill-bank, u ma setax isir il-kuntratt għat-trasferiment tagħha.*

*Il-konvenut qal li hu kompla jinsisti mal-attur sabiex jara meta kien ser jiġbor flusu lura, iżda l-attur beda jtawwal iż-żmien u jgħidlu li ma kienx f'qagħda li jagħtih il-flus lura b'mod immedjat. Mill-provi jirriżulta li l-konvenut dak iż-żmien kien ser jiżżewweġ u għalhekk kien beda jfittex post alternattiv fejn imur joqgħod. Kien f'dan iż-żmien li l-konvenuti ressqu għall-iffirmar ta' konvenju sabiex jakkwistaw proprjetà f'Ħal Qormi. Sadanittant, minkejja l-insistenza tal-konvenut li jingħata flusu lura, l-attur kien offrielu post fil-Fgura, li kien dispost li jbiegħlu minflok jagħtih flusu lura. Kemm il-konvenut kif ukoll ommu xehdu li l-biża' tagħhom dak iż-żmien kienet li jekk il-konvenut ma jakkwistax l-appartament tal-Fgura, ma kienx ser jirkupra il-flus li kien għadda lill-attur għall-akkwist tal-proprjetà fiż-Żejtun, u għalhekk, minkejja l-piż finanzjarju addizzjonali li daħal għalih il-konvenut, kien aċċetta li jersaq għall-iffirmar ta' konvenju sabiex jakkwista l-proprjetà tal-Fgura. Mill-provi jirriżulta li kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn il-prezz tal-proprjetà taż-Żejtun, li l-konvenut kien interessat li jakkwista oriġinarjament, u dik tal-Fgura.*

*L-attur qiegħed jinsisti li huwa għad għandu jieħu parti mill-bilanċ tal-prezz totali tal-proprjetà li l-konvenut akkwista fil-Fgura, u skont hu dan il-bilanċ jammonta għal tlieta u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u erbgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€23,244.74). Min-naħa tagħhom il-konvenuti jsostnu li m'hemm l-ebda bilanċ dovut minnhom, u mal-iffirmar tal-kuntratt huma kienu għalqu kwalsiasi pendenza li kien għad hemm bejn il-partijiet, għajr għall-ħlas ta' erbat elef ewro (€4,000) bħala spejjeż notarili li kellhom jitħallsu xi żmien wara l-kuntratt. Kien għalhekk li fl-1 ta' Frar, 2012 u fil-15 ta' Mejju, 2012, il-konvenuti bagħtu żewġ ċekkijiet separati lill-attur ta' elfejn ewro (€2,000) kull wieħed.*

*Il-Qorti tqis li fost il-provi ewlenin li nġabu f'din il-kawża hemm id-dokument a fol. 78 tal-proċess, intitolat "payment record sheet", li hu dokument ippreżentat mill-attur fejn kien jirreġistra l-ħlasijiet rateali li kienu jsiru lilu mill-konvenut Anthony Mark Barbara. Il-prova oġġettiva l-*

*oħra tikkonsisti fil-kopji tal-konvenji u partikolarment tal-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà talFgura li sar f'Ottubru tal-2011. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-imsemmi dokument ippreżentat mill-attur, li meta ġie muri lill-konvenut waqt li dan kien qiegħed jagħti d-depożizzjoni tiegħu f'din il-kawża, qal li huwa qatt ma kien ra dan id-dokument qabel. Il-Qorti tqis li dan id-dokument huwa sprovvist minn diversi dettalji, fosthom deskrizzjoni tal-post li l-konvenut suppost li kien qiegħed jagħmel ħlasijiet rateali akkont tal-prezz tiegħu, u huwa wkoll nieqes mill-firma tal-konvenut. Id-dokument fih ukoll diversi ċifri, li mhux ċar eżattament xi jfissru, fosthom l-ammonti ta' LM45,000, €105,066.54 u €128,115.53. L-ammont ta' LM45,000 jekwivali għal €104,821.80, li huwa l-prezz indikat fuq il-kuntratt għall-akkwist mill-konvenut tal-proprjetà fil-Fgura, Mistoqsi d-diversi ċifri indikati fuq dan id-dokument x'ifissru, l-attur wieġeb biss li hu seta' ħa xi żbalji meta kien qiegħed jaqleb id-denominazzjoni tal-Lira Maltija f'ewro. F'ġenb minnhom ta' dan id-dokument, hemm imniżżla s-somma ta' €23,244.72, li l-attur qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu f'din il-kawża fuqu. Huwa dan il-bilanċ li l-attur qiegħed jippretendi li għad baqalu jirċievi fuq il-proprjetà tal-Fgura, anki jekk l-indirizz tal-proprjetà tal-Fgura mhu indikat imkien fuq dan id-dokument.*

*Il-Qorti tqis li minkejja dak li jirriżulta minn dan id-dokument esibit mill-attur, fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà tal-Fgura li l-konvenut iffirma quddiem nutar, u li għalih kien preżenti l-attur waqt l-iffirmar tiegħu, hemm stipulat li l-konvenut kien ħallas ħamsin elf ewro (€50,000) bħala depożitu għall-akkwist ta' din il-proprjetà. Minn dak li jirriżulta mill-provi, dawn il-ħamsin elf ewro (€50,000) huwa l-ammont li ftiehmu dwaru l-partijiet meta ġie stabbilit li l-kuntratt għat-trasferiment tal-proprjetà taż-Żejtun ma setax isir, u kien ikopri kemm il-flus li l-konvenut kien ħallas lill-attur għall-akkwist ta' din il-proprjetà, kif ukoll l-ispejjeż li l-konvenut kien laħaq għamel f'din il-proprjetà. Fuq dan il-kuntratt hemm stipulat ukoll li qabel il-partijiet ressqu għall-iffirmar tal-kuntratt, il-kompratur, konvenut f'dawn il-proċeduri, kien diġà ħallas l-ammont ta' disgħa u tmenin elf, tmien mija u wieħed u għoxrin ewro u tmenin ċenteżmu (€89,821.80) lill-vendituri, filwaqt li bl-ammont tas-self li l-konvenut ħa mingħand il-bank APS, ammontanti għal ħmistax-il elf ewro (€15,000), kien qiegħed jitħallas il-prezz kollu dovut mill-konvenut għall-akkwist tal-proprjetà tal-Fgura, kif jirriżulta mill-kuntratt esibit. Il-Qorti tirrileva li dan il-kuntratt huwa dokument pubbliku li ġie ffirmat quddiem nutar, u preżenti għall-iffirmar ta' dan il-kuntratt kien hemm ukoll l-attur, li bl-ebda mod ma oġġezzjona għal dak li hemm stipulat f'dan il-kuntratt pubbliku. Mill-provi jirriżulta li ż-żewġ ċekkijiet maħruġa mill-konvenut fl-ammont komplessiv ta' erbat elef ewro (€4,000), jirrappreżentaw flus li l-konvenut kien fadallu jħallas peress li meta resaq għall-iffirmar tal-kuntratt ma kellux flus biżżejjed biex iħallas kemm għall-akkwist tal-fond kif ukoll għall-ispejjeż nutarili.*

*...*

*Il-Qorti tqis li l-aktar prova oġġettiva li setgħet tinġieb f'din il-kawża*

> *kienet proprju l-kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà tal-Fgura, fejn bl-ebda mod ma jirriżulta dak li qiegħed jikkontendi l-attur. Għall-kuntrarju jirriżulta li l-bilanċ tal-prezz li kien dovut mill-konvenut Anthony Mark Barbara, tħallas minnu fl-intier tiegħu. Huwa quddiem dawn il-konsiderazzjonijiet, li l-Qorti qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-attur ma seħħlux jipprova l-pretensjonijiet tiegħu, u għalhekk it-talbiet tiegħu qegħdin jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.»*

7. L-atturi Richard Attard u Newco Steel Ltd appellaw minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fis-7 ta' Frar, 2020, b'aggravju wieħed maqsum f'żewġ partijiet: (i) li l-Ewwel Qorti għamlet għarbiel ħażin tal-provi meta ċaħditilhom it-talbiet tagħhom għaliex qagħdet fuq il-provi tal-konvenuti; u (ii) li fil-kawża ġew imressqa biżżejjed provi min-naħa tagħhom li juru li l-kreditu ta' €23,244.74 huwa dovut.

8. Il-konvenuti Barbara wieġbu fil-21 ta' Mejju, 2020 u taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

9. Inżamm smigħ fid-29 ta' Frar, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. L-**<u>ewwel parti tal-aggravju</u>** tal-atturi jikkonsisti biss fi kritika ġenerali u bla dettalji speċifiċi tal-mod ta' kif l-Ewwel Qorti għarblet il-provi li ġew imressqa fil-kawża. Huma jsostnu li l-iskrutinju li l-Ewwel Qorti għamlet tal-provi mressqa mill-konvenuti ma setax jinduċi fiha dak li fid-duttrina u fil-ġurisprudenza huwa magħruf bħala ċertezza morali. Minħabba f'hekk l-atturi jgħidu li l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-

talbiet tagħhom.

11. Illi l-Qorti tqis li skont l-**Artikolu 143(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, rikors tal-appell għat-tħassir ta' sentenza mogħtija fl-ewwel grad għandu jkun fih raġunijiet dettaljati li għalihom ikun qiegħed jintalab dak it-tħassir.

12. Għalkemm il-liġi titkellem fuq «*raġunijiet dettaljati*», dan ma jfissirx li l-appellant għandu jara x'jagħmel biex joqgħod jimla l-paġni tal-appell billi joqgħod jitkellem żejjed u jagħmel riferenzi twal għall-kotba u għall-ġurisprudenza mingħajr rabta loġika mal-kwistjoni involuta fl-appell. Kemm hu hekk, jinsab aċċettat fil-ġurisprudenza li appell xorta waħda għandu jiġi mistħarreġ minkejja li l-aggravji tiegħu jkunu qosra (ara ***Etienne St. John v. Raymond Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar, 2024).

13. Wara kollox, appell jiddependi fuq kemm wieħed ikun kapaċi jfisser l-aggravji tiegħu b'mod ħafif, mexxej u li jinftiehem dwar ir-raġuni għalfejn is-sentenza appellata għandha tiġi mħassra jew mibdula (ara ***Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 2023).

14. B'danakollu però, minkejja li huwa aċċettabbli li wieħed jista' jressaq aggravji li jkunu qosra u xotta, dak li jkun irid japprezza li,

daqskemm Qorti tal-Appell ma tistax tikkunsidra xi parti mit-talba finali li dwarha ma jitressqu l-ebda argumenti jew aggravji għalfejn id-deċiżjoni appellata tkun żbaljata (ara ***Alicia Meilak v. Clodomiro Meilak*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 2022), daqstant ieħor il-Qorti tal-Appell ma tistax tisħarreġ appelli mingħajr aggravji (ara ***Godfrey Ellul v. Avukat Ġenerali*** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Novembru, 2006) jew appelli li jkun fihom aggravju li jgħid sempliċement li l-apprezzament imwettaq mill-Ewwel Qorti ma setax iwassalha għall-konvinzjoni morali tagħha biex tiċħad it-talbiet attriċi, mingħajr ebda forma ta' spjegazzjoni. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Luana Deguara v. Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna nomine*** deċiża fit-3 ta' Frar, 2009, «*mhijiex waħda mill-funzjonijiet ta' din il-Qorti li toqgħod tipprova teskoġita jew tindovina x'setgħa intenda l-appellant.*»

15. Min jappella għandu jindika b'mod preċiż l-ilmenti tiegħu, u jekk qed jattakka l-apprezzament tal-provi milħuqa fl-ewwel grad, dan irid jindika fejn ma jaqbilx (ara ***Rosemarie Magri pro et noe v. Joseph Magri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2008 u ***Dr Annalisa Caruana v. Transport Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-25 ta' Ġunju, 2021).

16. Sewwasew f'dan il-każ, l-appellanti ma jistgħux jippretendu li din il-Qorti tal-Appell għandha ddawwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti għar-raġuni biss li huma qegħdin isostnu li fuq grad ta' prova ta' bilanċ ta' probabbilitajiet, il-provi mressqa mill-konvenuti appellati ma kellhomx

iwasslu lill-Ewwel Qorti biex tiċħdilhom it-talbiet tagħhom.

17. Jiġi b'hekk, li dan il-parti tal-aggravju magħmul biss minn sempliċi stqarrija dommatika tal-atturi appellanti mhux imsaħħaħ b'raġunijiet, qiegħed jiġi miċħud.

18. Ngħaddu issa għat-**tieni parti tal-aggravju** li huwa mifrux fuq sitt paragrafi. Fih l-atturi appellanti jgħidu: (i) li l-arranġament li kellhom mal-konvenut Anthony Mark Barbara kien wieħed imsejjes fuq fiduċja, mingħajr ħsieb ta' qligħ, tant li bejniethom ma saret ebda kitba privata; (ii) li l-uniku dokument li jirriżulta fl-atti huwa rendikont b'lista ta' pagamenti li saru mill-konvenut Anthony Mark Barbara; (iii) li Michael Bugeja ta' Bilom Group xehed li din il-kumpanija tiegħu kienet taċċetta li ddawwar prorpjetà fuq l-attur Richard Attard, meta dan ikun ħallas il-prezz kollu jew ikun tahom ix-xogħol kollu; (iv) li l-arranġament ta' bejniethom kien li l-appellant Richard Attard jagħżel il-post li kellu jiġi assenjat lilu u mbagħad dan il-post jgħaddih lill-appellat Anthony Mark Barbara u dan tal-aħħar iħallsu tiegħu; (v) li l-avukat Mark Busuttil xehed li huwa pprova jlaqqa' l-partijiet għal ftehim fuq il-ħlas tal-bilanċ iżda dan il-ftehim ma ntlaħaqx; (vi) li l-kawża ddur biss fuq ix-xhieda tal-attur Richard Attard u tal-konvenut Anthony Mark Barbara; u (vii) li l-konvenut Anthony Mark Barbara kien iħallas il-pagamenti lil Richard Attard u li dan baqa' jħallas anke wara li sar il-kuntratt tal-post tal-Fgura.

19. Din il-Qorti titlaq billi tgħid illi l-piż tal-prova tal-eżistenza tad-dejn tmiss lil min ikun fetaħ il-kawża. Dan huwa minnu, billi min jaġixxi għal xi kreditu jrid qabel xejn jipprova li dan il-kreditu tabilħaqq jeżisti (ara ***Sergio Manché v. Tony Cassar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u ***Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003).

20. F'każ ta' dubju raġonevoli jekk l-ammont huwiex dovut jew le, dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għaliex l-oneru tal-prova tal-eżistenza tad-dejn jibqa' dejjem fuq l-attur (ara ***Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited v. Patricia Genovese*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tal-1 ta' Novembru, 2006 u ***Desmond Mizzi noe v. Patrick Filletti pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000).

21. Bħalma ġie mfisser tajjeb ħafna mill-Imħallef Maurice Caruana Curran, aktar minn ħamsin sena ilu, fis-sentenza ***Manuel Zerafa v. Nazzareno Muscat Scerri*** deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili fis-27 ta' Mejju, 1970:

> *«Bħala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili, il-Qorti tirritjeni li, għalkemm kif dejjem ġie ritenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'każ ta' dubju raġonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le, dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-aħħar tal-kawża għax hu jallega d-debitu u kulħadd għandu jipprova l-allegazzjoni tiegħu. U fil-każ ta' kunflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, ċjoè l-attur, l-esiġibilità, u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna*

> *probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju 'actore non probante reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor 'reus in excipiendo fit actor', għax jerġa' jingħad, l-oneru ċentrali tal-akkuża tibqa' fuqu. Altrimenti f'kull każ ta' kunflitt ikun faċli għall-attur jirbaħ avolja l-Qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu.»*

22. Jinżel b'hekk minn dawn il-konsiderazzjonijiet, li huwa loġiku illi jingħad illi qabel il-ħtieġa tal-prova tal-pagament min-naħa tal-konvenut, hemm bżonn illi l-attur jissodisfa lill-qorti bl-eżistenza tal-kreditu, u dan bi grad ta' prova li ma tkunx waħda biss possibbli imma waħda bbażata fuq il-probabbiltà (ara ***Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-20 ta' Jannar, 2003).

23. Dan kollu meqjus, din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża, tgħid mingħajr tlaqliq li hija ma ġietx persważa mill-atturi appellanti li huma tabilħaqq għandhom jirċievu xi flejjes mingħand il-konvenuti appellati. Tassew l-atturi ma seħħilhomx inisslu «*ċertezza morali*» f'din il-Qorti, bi provi konvinċenti, li huma għandhom jedd għall-kreditu li huma qed jitolbu mingħand il-konvenuti appellati.

24. Din il-Qorti waslet għal din il-fehma għal aktar minn raġuni waħda.

25. Ibda biex, għalkemm fir-rikors maħluf tagħhom l-atturi appellanti jgħidu li huma qegħdin isejsu l-jedd ta' kreditu tagħhom minħabba l-bilanċ, li skonthom il-konvenuti fadlilhom iħallsu mit-trasferiment ta' ġid immobbli li l-attur Richard Attard għamel favur il-konvenuti, madankollu

fl-atti tal-kawża ma ġie pprezentat l-ebda kuntratt jew dokument li juri li l-attur appellant Richard Attard ittrasferixxa xi ġid immobbli lill-konvenuti appellati.

26. Jista' jkun li l-appellant Richard Attard kellu sehem jew xi rwol fit-taħditiet, li eventwalment wasslu biex bil-kuntratt tal-14 ta' Ottubru, 2011, il-konvenut Anthony Mark Barbara xtara l-appartament tal-Fgura bil-prezz ta' €104,821.80. Minkejja dan però, xorta jibqa' l-fatt li l-konvenut Anthony Mark Barbara ma xtarax dan l-appartament tal-Fgura mingħand wieħed miż-żewġ appellanti iżda dan l-appartament huwa xtrah mingħand Paul u Mary Anne Micallef, kif rappreżentati minn Joseph Abela b'riħet prokura speċjali.

27. Tassew din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-atturi appellanti jistgħu qatt isostnu li huma fadlilhom jitħallsu mingħand il-konvenuti xi bilanċ fuq dan it-trasferiment, meta jirriżulta li ma kinux huma li biegħu l-appartament lill-konvenuti. Rilevanti li f'din il-kawża l-atturi appellanti mhumiex qegħdin jitolbu xi ħlas ta' senserija jew jallegaw li huma silfu xi flus lill-konvenuti biex huma setgħu xtraw dan l-appartament. Mod ieħor, l-atturi appellanti qed jgħidu fir-rikors maħluf li huma fadlilhom jieħdu s-somma ta' €23,244.74 bħala bilanċ mit-trasferiment. Għalhekk ladarba l-atturi appellanti ma kinux il-partijiet li biegħu l-appartament tal-Fgura lill-konvenut Anthony Mark Barbara, din il-Qorti qajla tista' tifhem kif l-istess

appellanti qegħdin jallegaw li fadal xi bilanċ x'jitħallas lilhom.

28. F'kull każ, kif tajjeb ġie osservat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jirriżulta li ġie ddikjarat min-Nutar Malcolm Mangion fl-att pubbliku tal-14 ta' Ottubru, 2011, li Paul u Mary Anne Micallef kif rappreżentati minn Joseph Abela, kienu tħallsu l-prezz kollu ta' €104,821.80 għall-bejgħ tal-appartament tal-Fgura. Fil-fatt fil-kuntratt ta' bejgħ ġie ddikjarat li Paul u Mary Anne Micallef kienu ġa tħallsu s-somma ta' €89,821.80 qabel id-data tal-kuntratt u li s-somma li kien baqa' ta' €15,000 ġiet imħallsa lill-prokuratur tagħhom, Joseph Abela, minn APS Bank Limited. Dawn il-€15,000 tħallsu mill-APS Bank Limited bħala somma mislufa lill-konvenut Anthony Mark Barbara.

29. Skont l-**Artikolu 629(ċ)** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-atti u r-reġistri tan-nutara pubbliċi ta' Malta huma prova ta' dak li jingħad fihom, sakemm ma jintweriex il-kuntrarju (ara ***Irina Sedova v. Pavel Eliashevich*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u ***Carmelo Cilia et v. Emanuel Bugeja et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Diċembru, 2014). Fil-fatt kuntratti pubbliċi jgawdu mill-preżunzjoni tas-sinċerità u tas-sewwa (ara ***Carmelo Cini et v. Alfred Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru, 1986).

30. Sewwasew fil-każ tagħna, l-atturi appellanti mkien ma allegaw li

dan il-kuntratt tal-14 ta' Ottubru, 2011 huwa wieħed simulat jew falz. Għalhekk ladarba f'dan il-kuntratt qed jingħad li l-konvenut Anthony Mark Barbara ħallas il-prezz kollu tal-bejgħ tal-appartament lill-bejjiegħa Paul u Mary Anne Micallef, din il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-istess konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti, li allura ma fadal l-ebda bilanċ x'jitħallas b'rabta ma' dan it-trasferiment.

31. L-atturi appellanti ma jistgħux isibu wens fl-argument li huma kellhom arranġament mal-konvenut Anthony Mark Barbara msejjes fuq il-fiduċja, mingħajr ħsieb ta' qligħ, tant li bejniethom ma saret ebda kitba privata. Għalkemm jidher li l-attur Richard Attard jiġi l-kuġin ta' omm il-konvenut Anthony Mark Barbara u allura l-Qorti tista' taċċetta li bejniethom hemm rabta familjari, b'danakollu xorta waħda ma jirriżultax li f'din il-kawża ġie ppruvat li bejn il-partijiet kien hemm xi arranġament verbali jew bil-miktub dwar il-fatt li l-konvenut Anthony Mark Barbara kellu jħallas xi flus lill-atturi minħabba t-trasferiment tal-appartament fil-Fgura.

32. Il-Qorti ttenni li hija ma tistax tifhem x'arranġament seta' kien hemm bejn il-partijiet dwar il-bejgħ tal-appartament tal-Fgura, ladarba l-bejgħ ma sarx mill-atturi appellanti iżda sar minn terzi. Tassew il-Qorti ma tistax tifhem dwar xiex l-atturi appellanti qegħdin jippretendu li jitħallsu b'rabta mal-appartament tal-Fgura.

33. Fuq kollox, jirriżulta li l-attur Richard Attard daħal fix-xena tal-istorja għaliex qabel ma sar it-trasferiment tal-appartament fil-Fgura, huwa kien webbel lill-konvenut Anthony Mark Barbara li jbiegħlu post fiż-Żejtun u jirriżulta li Anthony Mark Barbara kien anke ħallsu l-flus għal dan il-post taż-Żejtun, iżda mbagħad ħareġ li Richard Attard mhux biss ma kienx is-sid ta' dan il-post taż-Żejtun iżda li l-kuntratt ta' xiri ta' dan il-post lanqas ma seta' jsir.

34. Ġara issa li għalkemm il-konvenut Anthony Mark Barbara kien talab lill-attur Richard Attard sabiex iroddlu lura l-flus li huwa kien ħallsu għall-post taż-Żejtun li kien spiċċa ma xtarax, l-attur Richard Attard baqa' ma tahx il-flus lura, iżda b'xi mod ikkonvinċih biex minflok jixtri l-appartament tal-Fgura li kien ta' Paul u Mary Anne Micallef. X'aktarx dan sar għaliex jidher li Paul u Mary Anne Micallef kellhom iħallsu xi flejjes lill-kumpanija attriċi Newco Steel Ltd minħabba xi materjal tal-ħadid. Fil-fatt dan forsi jista' jispjega għaliex is-somma ta' €35,521.80 mill-prezz ta' €104,821.80 minflok tħallset lil Paul u Mary Anne Micallef (jew lill-prokuratur tagħhom Joseph Abela), tħallset b'ċekk lil Newco Steel Ltd.

35. Hu x'inhu l-każ, xorta jibqa' l-fatt li minkejja dawn il-ġrajjiet kollha, l-atturi appellanti baqgħu ma wrewx għas-sodisfazzjon tal-Qorti għaliex huma qegħdin jippretendu li fadlilhom jirċievu xi ħlas mingħand il-konvenuti appellanti.

36. Żgur u mhux forsi din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq ir-rendikont jew prospett tal-ħlasijiet li ġie ppreżentat mill-atturi appellanti. Dan qed jingħad fl-ewwel lok għaliex dan id-dokument ma ġiex rikonoxxut mill-konvenuti u għalhekk tqum kwistjoni dwar jekk din il-Qorti tistax toqgħod fuqu ladarba dan huwa dokument li sar b'mod unilaterali; fit-tieni lok dan id-dokument ma jfissirx għal xiex saru dawk il-pagamenti; fit-tielet lok kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti dan id-dokument huwa nieqes minn diversi dettalji fosthom id-deskrizzjoni tal-post li l-konvenut Barbara suppost kien qiegħed jagħmel ħlasijiet rateali akkont tal-prezz tiegħu; fir-raba' lok mhux ċar x'ifissru ċertu ammonti f'dan id-dokument; u fil-ħames lok dan id-dokument ma jispjegax kif l-atturi appellanti jistgħu jitolbu bilanċ fuq trasferiment ta' post li mhuwiex tagħhom.

37. Hekk ukoll għalkemm l-atturi appellanti jgħidu li l-każ tagħhom ġie msaħħaħ bix-xhieda ta' Michael Bugeja (rappreżentant ta' Bilom Group) u tal-avukat Mark Busuttil, madankollu jekk wieħed jaqra dak li qalu quddiem l-Ewwel Qorti, wieħed dlonk isib li dawn ma qalu xejn li b'xi mod jistgħu jgħinu għall-każ tal-atturi appellanti.

38. Kemm hu hekk, Michael Bugeja qal hekk: «*X'ġara min-naħa tagħna fuq min dar il-kuntratt nista' nghidlek, imma jekk kellux bilanċ Richard ma' xi ħaddieħor, dik ma toħroġx …*» Min-naħa l-oħra, imbilli l-avukat Mark

Busuttil jgħid li pprova jwassal lill-partijiet għal ftehim u ma wasalx, ma jfissirx b'daqshekk li l-konvenuti huma midjunin mal-atturi.

39. Jinżel minn dan kollu li l-atturi appellanti ma seħħilhomx jippruvaw l-eżistenza tal-kreditu tagħhom. U ladarba dan il-kreditu ma ġiex ippruvat, l-Ewwel Qorti ġiet li mxiet tajjeb meta ddeċidiet illi tiċħad it-talbiet tagħhom.

40. Anke dan it-tieni parti tal-aggravju għalhekk qiegħed jiġi mwarrab.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-atturi Richard Attard u Newco Steel Ltd u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss